MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tat-2 ta' April, 2008

Talba Numru. 397/2007

**Talba Nru: 397/07VGD**

Carmen Zammit (ID. 770746M)

Vs

Alfred Azzopardi (ID. 544850M)

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attrici qed titlob minghand il-konvenut, il-hlas ta' l-ammont ta' erba mija u tnax-il lira (Lm412.00) u dana peress illi kif ippremettiet, l-attrici akkumulalha ammont ta' taxxa li kellha thallas lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni ghas-snin 1996, 1997 u 1998. Fl-2001 hija intalbet mid-Dipartiment biex thallas dan l-ammont, u bi ftehim l-ammont dovut beda jithallas f'rati li

jinqatghulha mill-paga taghha. F'dik l-istess sena 2001 l-attrici zzewget mal-konvenut, izda xorta baqghu jinqatghulha r-rati mill-paga taghha biex jithallas id-Dipartiment tat-Taxxi Interni. Wara z-zwieg imsemmi, l-konvenut kien il-konjugi responsabbli ghall-formola tad-Dhul fuq l-Income. Ghal raguni mhux maghrufa, l-ammonti mhallsa mill-attrici matul iz-zwieg biex jinqata' d-debitu msemmi beda jigi kkunsidrat bhala 'overpayment' fl-ammont ta' Lm412, u gew imhallsa lill-konvenut bhala l-konjugi responsabbli. Il-konvenut sarraf ic-cheques u zamm dawn il-flus bil-mohbi ta' l-attrici. Sussegwentement il-partijiet isseparaw legalment. Bil-kuntratt ta' separazzjoni, il-partijiet illikwidaw il-komunjoni ta' l-akkwisti a sodisfazzjon taghhom, izda rrizervaw li kull parti tindennizza lill-parti l-ohra jekk parti tohloq dejn li jkollha thallsu l-parti l-ohra. Bhala fatt, fl-2006 id-Dipartiment tat-Taxxi esiga l-hlas lura ta' Lm412 minghand l-attrici, u hija hallsitu. Bl-ispejjes u imghaxijiet, u l-konvenut huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut li eccepixxa illi (i) it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjes u dana stante illi fl-ewwel lok meta l-partijiet sseparaw u cioe fid-9 ta' Gunju 2005, huma ddikjaraw bl-aktar mod assolut illi ma ghandhom ebda pretensjoni kontra xulxin; (ii) Illi l-artikolu tal-kuntratt ta' separazzjoni illi tirreferi ghalih l-attrici huwa irrilevanti ghal kaz in ezami; (iii) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, mhux minnu illi l-konvenut sarraf ic-cheques tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni u zamm dawn il-flus bil-mohbi; (iv) Illi bil-kunsens tal-attrici, dawn il-flus gew depozitati fil-kontijiet bankarji tal-partijiet f'din il-kawza kif ser jidher waqt is-smiegh tal-kawza; (v) salvi eccezzjonijiet ohra.

Sema' x-xhieda tal-konvenut Alfred Azzopardi.

Sema' x-xhieda ta' l-attrici Carmen Zammit.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidra.**

Illi l-fatti tal-kaz huma s-segwenti, u jidher li mhumiex qedin jigu kkontestati mill-partijiet. Fl-ewwel lok, l-attrici kellha xi arretrati ta’ taxxa mhux imhallsa minnha ghas-snin 1996, 1997 u 1998, li b’kollox kien jammonta ghal Lm496. Ghalhekk bi ftehim mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni, hija kienet ghamlet arrangamenti sabiex tibda thallas pagamenti mensili fl-ammont ta’ Lm28 fix-xahar, liema pagamenti kellhom jinqatghu direttament mill-paga taghha u jithallsu lid-Dipartiment.

Il-partijiet izzewwgu fid-29 ta’ Dicembru tas-sena 2000. Tlett xhur qabel ma zzewgu l-partijiet, dawn il-pagament bdew jinqatghu mill-paga tal-attrici u jithallsu direttament lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni. B’hekk qabel iz-zwieg tal-partijiet, l-attrici lahqet halest l-ammont ta’ Lm84.

Il-pagamenti mensili baqghu jitnaqqsu mill-paga tal-attrici u jithallsu lid-Dipartiment wara z-zwieg, sakemm l-ammont kollu dovut mill-attrici thallas lid-Dipartiment. Fil-fatt tul is-sena 2001 kollu, waqt li l-partijiet kienu mizzewgin, l-attrici lahqet hallset l-ammont ta’ Lm336, u fis-sena 2002, l-attrici hallset l-ammont ta’ Lm84, biex b’hekk l-ammont kollu dovut minnha gie kollu mhallas lura (fil-fatt hallset ukoll Lm8 zejda lid-Dipartiment).

Wara l-gurnata taz-zwieg taghhom, il-konvenut sar il-konjugi responsabbli ghall-kwistjonijiet li ghandhom x’jaqsmu mat-Taxxa tad-Dhul, u baqa hekk sakemm il-partijiet isseparaw minn xulxin f’Gunju tas-sena 2005.

Gara illi ghal xi raguni mhux maghrufa, u li x’aktarx kien zball minn-naha tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni, dan ta’ l-ahhar hallas lura (bhala ‘overpayment’) lill-partijiet dak l-ammont ta’ flus li l-attrici kienet hallset permezz tal-pagamenti mensili waqt li l-partijiet kienu mizzewgin. Fil-fatt, fit-23 ta’ Novembru 2002 id-Dipartiment bghatt cekk

fl-ammont ta' Lm336 lura l-partijiet f'isem il-konvenut (bhala l-konjugi responsabbli), u sussegwentement fl-20 ta' Dicembru tas-sena 2003 id-Dipartiment rega bghatt cekk iehor lura ghall-ammont ta' LM84.

Meta sussegwentement il-partijiet isseparaw, l-ammont ta' Lm412 rega intalab lura mill-attrici, u hija kellha terga thallas dan l-ammont lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni.

Ghalhekk, l-attrici jidhrilha li dan l-ammont issa ghandu jigi rifuz lilha mill-konvenut, peress illi huwa kien sarraf ic-cekkijiet li wasslu mid-Dipartiment, bil-mohbi u kien zamm dawn il-flus ghalih, u anki peress li skond hi, hemm klawsola fil-kuntratt ta' separazzjoni tal-partijiet li tghid illi kull parti ghandha tindennizza lill-parti l-ohra jekk dik il-parti tkun holqot xi dejn li kellha thallsu l-parti l-ohra.

Illi in vista' ta' dan kollu, u tal-provi prodotti, dan it-Tribunal ser jghaddi sabiex jaghmel is-segwenti kunsiderazzjonijiet:-

Fl-ewwel lok, l-ammont illi l-attrici qed titlob minghand il-konvenut jirrigwarda ammont li kien dovut minnha lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni ghas-snin 1996, 1997 u 1998, u cioe ghas-snin qabel ma kienu zzewwgu l-partijiet u ghalhekk huwa fatt ikkontestat illi dan kien dejn parafernali tal-attrici.

Fit-tieni lok, kuntrarjament ghal dak li l-attrici qed tallega fl-Avviz minnha pprezentat, il-provi dokumentarji juru bl-izjed mod car illi mhuwiex minnu illi l-konvenut kien sarraf iz-zewg cekkijiet mibghuta lilu mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni bil-mohbi, u li zamm il-flus ghalih. Kif gie spjegat mill-konvenut, u kif jidher car mid-dokumenti minnu pprezentati, l-ewwel cekk ta' Lm336 gie depozitat f'joint savings account li kien jappartjeni liz-zewg konjugi, u f'liema kont kienet tigi anki depozitata l-paga tal-attrici. Dan il-kont kien jintuza mill-partijiet ghall-bzonnijiet ta' kulljum tal-konjugi. Filwaqt li t-tieni cekk ghall-ammont ta' Lm84 kien gie depozitat fil-credit card account, li kien jintuza kemm mill-attrici kif ukoll mill-konvenut.

Illi ghalhekk, l-attrici bl-ebda mod ma tista’ tiddikjara illi l-konvenut sarraf dawn ic-cekkijiet bil-mohbi, u/jew li zamm il-flus ghalih, ghaliex huwa ovvju illi dawn iz-zewg cekkijiet gew depozitati f’kontijiet li kienu jintuzaw liberalment miz-zewg partijiet, ghall-bzonnijiet taghhom it-tnejn, u li t-tnejn kellhom access ghalihom.

Lanqas ma jista’ jinghad illi meta sarraf, jew effettivament iddepozita, iz-zewg cekkijiet, il-konvenut kien qed jagixxi in mala fede, ghaliex huwa car illi l-konvenut qatt ma pprova jahbi l-fatt illi kien ircieva dawn ic-cekkijiet, u anzi halli zgur ma jkun hemm l-ebda dubbju dwar kif intnefqu, dawn il-flus gew depozitati f’kontijiet li z-zewg konjugi kienu jaghmlu uzu minnhom liberalment, kif jidher car mill-istatements tal-bank. Jekk l-attrici ghal xi raguni ma indunatx illi gew depozitati dawn ic-cekkijiet, dan bl-ebda mod ma jista’ jwassal dan it-Tribunal ghall-konkluzzjoni illi l-konvenut kien in mala fede.

Del resto, x-xhieda tal-konvenut hija wahda pjuttost verosimili meta jispjega illi skond hu, meta rcieva zewg cekkijiet bhala ‘overpayments’ minghand id-Dipartiment, kien ragjonevoli ghalih li jahseb illi dawn kienu cekkijiet ghal ‘overpayment’ maghmula mill-konjugi f’sentejn meta kienu hallsu hafna taxxa.

Illi dan it-Tribunal lanqas ma jista’ jaqbel mat-tezi tal-attrici, illi meta ssarrfu dawn iz-zewg cekkijiet, waqt li l-partijiet kienu mizzewgin, inholoq dejn gdid mill-konvenut, liema dejn ghandu jitqies bhala wiehed li jaqa taht l-artikolu intitolat ‘Debts’, fil-kuntratt ta’ separazzjoni personali bejn il-partijiet, datat 9 ta’ Gunju 2005. Dan l-artikolu assolutament ma japplikax ghas-sitwazzjoni in kwistjoni, ghaliex ma gie ikkuntrattat l-ebda dejn gdid bis-semplici fatt illi waqt li kienu mizzewgin, il-konvenut sarraf zewg cekkijiet li kien ircieva bhala ‘overpayment’ minghand id-Dipartiment tat-Taxxi Interni. Zgur illi hawnhekk non si tratta ta’ sitwazzjoni fejn il-konvenut ikkuntratta dejn gdid wahdu, liema dejn ma giex dikjarat fil-kuntratt ta’ separazzjoni, u li ghalhekk ghandu jigi rifuz lill-attrici mill-konvenut peress illi hija kellha taghmel tajjeb ghalih hi, alavolja ma kienx dejn taghha – kif proprju

jehtieg biex jiskatta l-artikolu imsemmi. B’din l-interpretazzjoni taghha, li l-attrici qed tipprova tbiddel kompletament is-sinifikat u l-iskop ta’ dan li artikolu komunament uzat f’kuntratti ta’ separazzjoni, haga li zgur ma jistax jigi accettat minn dan it-Tribunal.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi filwaqt li jilqa l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jichad it-talba attrici. L-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------